# Ġużeppi De Piro u San Gejtanu

*Ir-rabta bejn Ġużeppi De Piro u San Gejtanu nistgħu ngħidu li kienet doppja: (1) il-Qaddej ta' Alla kien marbut ma' San Gejtanu inkwantu li imitah fit-twemmin tiegħu fil-Providenza divina, u (2) mill-banda l-oħra l-Qaddej ta' Alla kien qrib ħafna tal-Parroċċa tal-Ħamrun.*

**De Piro, bħal San Gejtanu, emmen bis-sħiħ fil-providenza divina**

**Fl-istituti ta' karità tal-Knisja Maltija**

Wara li Ġużeppi De Piro spiċċa l-istudji tiegħu f'Ruma u għamel ftit taż-żmien f'Davos, fl-Iżvizzera biex jirkupra minn marda li kellu, huwa rritorna Malta għal kollox. Meta ġie lura f'pajjiżna hu mar joqgħod il-Qrendi fejn il-familja tiegħu kellha waħda mid-djar tagħha. Suppost li mar hemm biex ikompli jieħu saħħtu, imma hu kien jimpenja lilu nnifsu bis-sħiħ fil-ħidma pastorali tal-parroċċa: kellu l-quddiesa tal-ħin tiegħu, kien imfittex ħafna għall-qrar u saħansitra beda jlaqqa' s-saċerdoti tal-parroċċi tal-qrib f'San Mattew tal-Maqluba u kien jorganizzalhom laqgħat għall-formazzjoni kontinwata tagħhom. Kien biss għax l-Arċisqof Pietru Pace xtaq jassenjalu ministeru ieħor li Ġużeppi De Piro ħalla l-Qrendi; fl-1907 Mons Pace innomina lill-Qaddej ta' Alla bħala d-direttur tal-Istitut ta' Fra Diegu fil-Ħamrun.

Fra Diegu kien wieħed mill-Orfanatrofji tal-Knisja u allura l-Arċidjoċesi kienet kull tant żmien tibgħat l-awditur tagħha, is-Sur Fons Marija Galea, biex jispezzjona r-reġistri ta' dan l-Istitut. Fl-1916 is-Sur Fons mar Fra Diegu għal waħda minn dawn l-ispezzjonijiet. Fir-rapport li għamel Galea wara l-vi\ta tiegħu, hu ta xhieda tal-preċiżjoni u kompetenza tad-Direttur; kiteb hekk dwar De Piro: "*Jien staqsejt lil Mons De Piro xi jrid bħala ħlas għall-amministrazzjoni tiegħu. Hu weġibni li ma ried xejn. Hu kien qed jagħmel kollox għall-imħabba ta' Alla. Hu qalli wkoll li anke fil-futur, hu ma kien beħsiebu jitlob xejn.*"

Is-Sur Fons reġa' mar jispezzjona r-reġistri ta' Fra Diegu fl-1920. Għal darba oħra Galea kellu kliem ta' tifħir għal De Piro. Hekk kien jaf imexxi l-Qaddej ta' Alla u Fra Diegu ma kienx eċċezzjoni. Did-darba s-Sur Fons ma semmiex biss dak li kien semma 4 snin qabel; did-darba Galea kiteb ukoll li: "*Mons De Piro offrieli l-opportunità biex napprezza l-Providenza Divina fil-fatt. Dan id-Direttur iċaqlaqni bit-twemmin tiegħu fil-Providenza. Hu jirrelata ma' Alla kif iben iħares 'l fuq lejn missieru, kunfidenti li Alla jisma t-talb tiegħu.*"

F'dan l-aħħar rapport Galea niżżel ukoll li: "*F'dan l-Orfanatrofju l-Kanonku De Piro Navarra, b'mod l-aktar ġeneruż, ċaħad għal kull forma ta' ħlas. Minflok, hu jagħti lura lill-Istitut dak kollu li hu dovut lilu. Hu jmexxi dan l-Istitut bil-passjoni u l-imħabba.*"

Fl-1924 Mons Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex, u l-kappillani tad-Djoċesi talbu lil Ġużeppi De Piro biex hu jkun il-fundatur u d-direttur tal-orfanatrofju ġdid li huma kellhom ix-xewqa li jwaqqfu fil-Gżira tagħhom. Għax il-Qaddej ta' Alla kien saċerdot djoċesan hu, fit-3 ta' Frar 1925, kiteb lis-superjur tiegħu, l-Arċisqof ta' Malta, Mons M. Caruana: *Għalhekk, b'fiduċja dejjem kbira fl-għajnuna li tiġini mill-Providenza Divina, nagħmel kuraġġ lili nnifsi u, bl-umiltà kollha nitlob lill-Eċċellenza Reverendissma Tiegħek biex tagħtini awtorizzazzjoni ħalli nagħti bidu għal din it-tielet fergħa u nsejħilha "Dar ta' San Ġużepp: Sezzjoni ta' Għawdex."*

Qabel ma kien biss talab lil De Piro biex ikun direttur tal-Istitut ta' San Ġużepp t'Għawdex, l-Isqof Gonzi kien ġa lesta l-istatut li fuqu kellu jitmexxa l-Orfanatrofju. Fost l-artikli ta' dan l-istitut, Gonzi kien niżżel li l-Istitut kellu jaċċetta biss 20 tifel. Meta De Piro ra dan l-istatut hu ma riedx jaċċetta dan in-*numerus clausus*; id-direzzjoni tal-Istitut kellha tpoġġi l-fiduċja kollha tagħha fil-Providenza ta' Alla u taċċetta tfal kemm kien possibli.

Kien żgur minħabba t-twemmin kbir tiegħu fil-Providenza ta' Alla li De Piro aċċetta li jmexxi sitt isitituti ta' karità tal-Knisja! Hu ma ried jagħmel l-ebda qliegħ minn dan il-ministeru. Wieħed jifhem ukoll għaliex it-tfal tal-istituti kienu jqisu lid-Direttur bħala missierhom. L-attitudni tiegħu kienet turi kemm kien dedikat għalihom.

**Fis-Soċjetà missjunarja ta' San Pawl**

Dun Ġwann Mamo ta' Ħal Tarxien kien wieħed minn żewġ qassisin djoċesani li ngħaqdu ma' De Piro biex fl-1910 dan tal-aħħar seta' jlesti l-ewwel dar għas-Soċjetà missjunarja tiegħu fl-Imdina. Wara ftit, iżda, Mamo ħalla lil De Piro waħdu. Dan biex seta' jibda xi ħaġa għalih. Fil-fatt fl-1918 Propaganda Fide tablet lill-Arċisqof Mawru Caruana informazzjoni dwar dan Mamo nnifsu u dwar il-proġett tiegħu. L-Isqof Anġelo Portelli, l-Isqof Awżiljarju, wieġeb lil Propaganda Fide f'isem l-Arċisqof fl-20 ta' Diċembru 1918. Wara li rrisponda għat-talba ta' Propaganda, Portelli rrefera għas-Soċjetà ta' De Piro: "*Imma għall-konsolazzjoni tiegħek nixtieq ngħidlek li fid-Djoċesi jeżisti Istitut ġdid għall- missjonijiet ta' barra, taħt il-protezzjoni tagħna, u mmexxi minn Mons Dekan Kuġitur, Ġużeppi De Piro, u li jagħmel lil dak li jkun jittama ...*" Propaganda wriet interess fis-Soċjetà ta' De Piro u talbet aktar informazzjoni dwar il-bidu, l-iżvilupp u l-kostituzzjoni tas-Soċjetà. L-Isqof Portelli avviċina lil De Piro u talbu ħalli jipprovdilu din l-informazzjoni. De Piro kiteb lil Portelli fl-10 ta' Marzu 1919. Dan id-dokument jagħti tagħrif tajjeb dwar il-qagħda tas-Soċjetà f'dak iż-żmien:

*10 ta' Marzu 1919*
*Id-Dar Ċkejkna ta' San Pawl*
*Imdina - Malta.*

## Parroċċa San Gejtanu - Ħamrun

*Eċċellenza,*
*Irċevejt l-ittra tiegħek tal-24 ta' Frar, li fiha tlabtni informazzjoni dwar l-oriġini tal-Istitut Ċkejken tal-Missjonijiet ta' Barra, flimkien ma' tagħrif dwar l-iżvilupp u l-kostituzzjoni tiegħu. Inti għedtli li din l-informazzjoni ħa tkun mgħoddija lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Van Rossum, Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Fidi. Allura nħossni obbligat li ngħaddilek din l-informazzjoni.*
*Oriġini*
*Fl-1909 il-Providenza Divina riedet li jien naqsam ma' Mons La Fontaine, Viżitatur Apostoliku, u fil-preżent Patrijarka ta' Venezja, l-ideat tiegħi dwar il-fundazzjoni tal-Istitut għall-Missjonijiet ta' Barra ...*
Beda g]addej iż-żmien minn fuq is-Soċjetà missjunarja ta' De Piro u l-Fundatur beda jiltaqa' ma' bosta u bosta diffikultajiet kbar, saħansitra min-naħa tal-awtoritajiet Vatikani u dwar l-istess għan tas-Soċjetà. Fit-18 ta' Awwissu 1920, De Piro kien kostrett li jikteb lil wieħed ħabib tiegħu, ċertu Don Archangelo Bruni, uffiċċjal tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti. Semmielu d-diffikultajiet li kellu mal-Kongregazzjoni ta' Propaganda Fide. F'din l-ittra De Piro qal lil Bruni li: "*Mingħajr ebda inizjattiva tiegħi imma tal-Providenza biss, jien ġejt f'kuntatt ma' Propaganda Fide ...*

De Piro beda s-Socjetà tiegħu fl-Imdina. Hemmhekk, mill-ewwel dar, għadda għat-tieni u għat-tielet waħda. Waslet is-sena 1932 u fit-3 ta' Ottubru ta' dik is-sena l-Qaddej ta' Alla ċċelebra t-tqegħid tal-ewwel ġebla tad-Dar Ċentrali tas-Soċjetà tiegħu, Sant'Agata, fir-Rabat. F'dik l-okka\joni hu għamel diskors li bih ta merħba lill-Arċisqof ta' Malta, Mawru Caruana u lill-ħafna mistednin preżenti. Fost l-oħrajn hu qallu hekk lill -Arċisqof: "*Eċċellenza Reverendissima! Ikolli l-ħtija ta' nuqqas gravi jekk jiena ma naqbadx l-okkażjoni, sabiex nagħtik illum il-ħajr tiegħi għall-għajnuna kollha illi inti għoġbok tagħti lill-opra ċkejkna tagħna, mindu dehret fostna sallum. Ma jisgħobiniex għalhekk li aħna niftakru fl-istat tagħna ta' dak iż-żmien, bla forma, fost tant nuqqas u difetti, 'il għaliex illum jagħtina s-sodisfazzjon li nistgħu ngħidu, illi l-ħidma tagħna fit-twaqqif, imċaqalqa u mmexxija mill-Providenza Divina ...*"

U din is-Socjetà ta' De Piro għadha sallum għaddejja bil-providenza ta' Alla.

**De Piro u San Gejtanu bħala parroċċa fil-Ħamrun**
L-ispazju ma jippermettilniex li ntawlu wisq iżjed fil-kitba tagħna. Dwar ir-rabta ta' Ġużeppi De Piro ma' San Gejtanu bħala parroċċa fil-Ħamrun jien nagħżel li nirreferikom għall-artiklu, "*Il-Festa tad-Duluri fil-Ħamrun, Mons. Ġużeppi De Piro u r-Rieda ta' Alla*" li l-Ħamruniż, Walter Camilleri, kiteb fil-gazzetta « Il-Mument » tal-Ħadd, 13 ta' Settembru, 1998. F'dan l-artiklu dettaljat l-awtur jagħti ħafna informazzjoni dwar x'kien is-sehem ta' Ġużeppi De Piro biex bdiet issir il-festa tad-Duluri fil-Ħamrun, fis-sena 1933. Li nixtieq ngħid jien hawnhekk hu biss li wara li Mons De Piro kien ħabrek biex jinqala' l-permess ħalli tibda ssir anke l-festa ta' barra tad-Duluri fil-Ħamrun, il-Kappillan, Dun Gejt Mifsud talab lill-istess De Piro biex ikun hu li jmexxi l-purċissjoni tal-festa. Il-Qaddej ta' Alla aċċetta u fil-fatt, fis-17 ta' Settembru mexxa dik l-ewwel purċissjoni. Hekk kif kulħadd daħal lura fil-knisja parrokkjali u De Piro kien ħa jagħti l-barka sagramentali, hu ħassu ħażin fuq l-artal. Malajr, malajr ħaduh l-Isptar Ċentrali, dak iż-żmien fil-Floriana, u hemmhekk miet dak in-nhar stess. Mank kien għad kellu 56 sena.

Nistgħu ngħidu li Ġużeppi De Piro temm ħajtu fil-knisja ta' San Gejtanu, fil-Ħamrun.

1. AAM, Atti Ċivili, 1917, n. 35, f. 2v.
2. L-istess.
3. L-istess, f. 3v.
4. L-istess, 1920-1921, n. 38, f. 2v.
5. DPA, *Isititut ta' San Ġużepp (Għawdex)*, p. 9c.
6. Fra Diegu-Ħamrun; Ġesù Nazzarenu-Żejtun; San Ġużepp-Sta Venera; San Ġużepp-Għawdex; San Franġisk ta'Pawla-B'Kara; u l-Istitut taż-Żgħar ħdejn San Ġużepp-Sta Venera.
7. DPA, *MSSP fi Żmien il-Fundatur*, p. 78.
8. Ara l-istess, p. 79.
9. Ara l-istess, p. 81.
10. Ara l-istess, pp. 83-86.
11. L-istess, p.111.
12. DPA, *Saint Paul: Almanac of the Institute of the Missions*, 1933, tradott minn Fr F. Ferriggi mssp, pp. 409-416.
13. P. 26.
14. Fejn illum hemm id-Depot tal-pulizija.